

32005R0570

15.4.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 97/13

REGOLAMENT (KE) Nru 570/2005 TAL-KUMMISSJONI**tal-14 ta' April 2005****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 118/2005, dwar l-istipulazzjoni tal-limiti finanzjarji għall-pagamenti diretti li għandhom jingħataw skond l-Artikolu 71 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 tal-Kunsill**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jstabilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jstabilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 71(2) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 118/2005 tas-26 ta' Jannar 2005 li jemenda l-Anness VIII tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 u li jstipula limiti finanzjarji għall-implimentazzjoni parzjali jew mhux obbligatorja tal-iskema ta' pagament uniku u għall-ammonti ta' flus annwali tal-iskema ta' pagament uniku stipulata minn dan ir-Regolament jstabilixxi, għas-sena finanzjarja 2005, il-limiti finanzjarji għall-pagamenti diretti li għandhom jingħataw skond id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 71 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.
- (2) Franza skopriet reċentement, fil-kuntest tal-kalkoli tal-ħlas taħt l-iskema ta' pagament uniku, l-eżistenza ta' diskrepanza sinifikanti bejn ir-riżultat finanzjarju tal-użu tal-informazzjoni tanġibbli individwali relatata mad-diversi

pagamenti diretti li saru waqt il-perijodu ta' referenza, li jintużaw bħala bażi biex jiddeterminaw l-ammonti ta' referenza, u l-informazzjoni li tat Franza li ntużat biex jiġu stabbiliti limiti finanzjarji applikabbli għad-diversi pagamenti diretti fir-Regolament (KE) Nru 118/2005.

- (3) Għandhom jiġu emendati l-limiti finanzjarji applikabbli fi Franza, għas-sena 2005, għall-pagamenti diretti stipulati mir-Regolament (KE) Nru 118/2005.
- (4) Konsegwentement għandu jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 118/2005.
- (5) Il-miżuri stabbiliti minn dan ir-regolament huma konformi mar-rakkomandazzjoni tal-kumitat ta' ġestjoni tal-pagamenti diretti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 118/2005 għandu jinbidel bit-test li jidher fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' April 2005

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 118/2005 (ĠU L 24, 27.1.2005, p. 15).

ANNEX

"ANNEX IV

**LIMITI FINANZJARJI GĦALL-PAGAMENTI DIRETTI LI GĦANDHOM JINGĦATAW SKOND L-ARTIKOLU 71
TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 1782/2003**

Sena Finanzjarja 2005

Eluf ta' euro

	Il-Greċja	Il-Finlandja	Franza (*)	Malta	L-Olanda	Is-Slovenja	Spanja (*)
Ħlas skont il-medda għall-uċuħ tar-raba' tal-ħrit, 63 euro/t	297 389	278 100	5 050 765	174	174 186	12 467	1 621 440
Ħlas skont il-medda għall-uċuħ tar-raba' tal-ħrit, 63 euro/t, POSEI							23
Għajjnuna regionali speċifika għall-uċuħ raba' tal-ħrit 24 euro/t		80 700					
Ħlas addizzjonali għall-qamħ samm (291 euro/ettaru) u għajjnuna speċjali għaż-żoni mhux tradizzjonali (46 euro/ettaru)	179 500		62 828				171 822
Għajjniet għal-legumi taż-żerriegħa	2 100		1 331				60 518
Għajjniet għal-legumi taż-żerriegħa, POSEI							1
Għajjnuna għall-produzzjoni taż-żerriegħa	1 400	2 900	16 581	29	10 400	35	10 347
Sussidju għall-baqar li jreddgħu	25 700	9 300	733 137	26	10 900	5 183	279 830
Suppliment għas-sussidju għall-baqar li jreddgħu	3 100	600	1 279	3		626	28 937
Sussidju speċjali għall-ifrat	29 900	40 700	389 619	201	20 400	5 813	147 721
Sussidju għall-qtil tal-annimali, adulti	8 000	27 600	253 119	144	62 200	3 867	142 954
Sussidju għall-qtil tal-annimali, għoġġiela		100	79 472		40 300	538	602
Ħlas għaż-żieda fil-produzzjoni taċ-ċanga	17 600	16 780	260 795		900	5 360	153 486
Ħlas addizzjonali għall-produtturi tal-laħam taċ-ċanga	3 800	6 100	90 586	19	23 900	889	31 699
Sussidji għan-nagħaġ u l-mogħoż	180 300	1 200	136 021	53	13 800	520	366 997
Sussidji addizzjonali għan-nagħaġ u l-mogħoż	63 200	400	40 391	18	300	178	111 589
Ħlas addizzjonali għall-produtturi tan-nagħaġ u l-mogħoż	8 800	100	7 026	3	700	26	18 655
Ħlas għall-produtturi tal-patata tal-lamtu (44,216 euro/t)		2 400	11 250		21 800		
Għajjnuna skont iż-żona għar-ross (102 euro/t)	15 400		10 827				67 991
Għajjnuna skont iż-żona għar-ross (102 euro/t), dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej			3 053				
Għajjniet għall-produzzjoni tal-għalf niexef	1 100	20	41 224		6 800		44 075
Ħlas addizzjonali għall-ifrat u nagħaġ fil-gżejjer tal-baħar Eġew	1 000						
Għajjnuna skont iż-żona għall-ħops			391			298	375

(*) L-għajjniet li jikkorrispondu għas-sussidji mħallsin fis-setturi tal-annimali fis-snin ta' referenza (2000, 2001, 2002) fir-reġjuni tat-territorji barranin ġew imnaqqsin."